VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,079, 30 ta' Ottubru, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 349 tal-2018**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B.(Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma of Laws - Dip.;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B.;

"il-Grad bl-Unuri" tfisser il-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B. (Hons);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma of Laws – H. Dip.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul**

3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, l-applikanti għandhom ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-Kors msemmija hawn taħt:

(a) għaddew f'żewġ suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fl-Ingliż u fil-Malti, u għaddew fi tliet suġġetti fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew l-ekwivalenti, b'wieħed minnhom bi grad Ċ jew aħjar, magħżula fis-suġġetti kif ġej: suġġett wieħed minn Grupp 2, suġġett wieħed minn Grupp 3, u suġġett ieħor (ħlief l-Ingliż u l-Malti); jew

(b) għad-dħul f'Ottubru 2020 jew wara, ikollhom grad fil-livell 6 tal-MQF fi kwalunkwe qasam ta' studju mogħti mill-Università ta' Malta jew minn kwalunkwe istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla oħra rikonoxxuta mis-Senat, u għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fil-Malti,
sakemm li jekk il-grad ikun fil-Malti, ikun meħtieġ li l-applikanti jkunu għaddew ukoll bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fl-Ingliż.

(2) Għad-dħul f'Ottubru 2020 jew wara, l-applikanti ikkunsidrati bħala "Studenti Adulti" (applikati maturi) skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul, minbarra li jkollhom dawk il-kwalifiki jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħqu l-livell meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt, għandhom ukoll ikunu għaddew grad bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fl-Ingliż u fil-Malti. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom, ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom għaliex qegħdin japplikaw għall-Kors kif ukoll kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

**Il-Programm ta' Studju**

5. (1) Il-programm ta' studju li għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 240 krettu ECTS, għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) L-istudenti li jiksbu 60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Diploma.

(3) L-istudenti li jiksbu 120 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma.

(4) L-istudenti li jiksbu 180 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad.

(5) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad bl-Unuri jekk jiksbu l-240 krettu ECTS kif speċifikat fil-programm ta' studju għall-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha ssir sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti għandhom jattendu mill-anqas 80% tal-programm tal-*lectures* tat-taqsima studju qabel ma jitħallew jersqu għal kwalunkwe valutazzjoni formali tat-taqsima studju.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

7. Il-marka medja finali mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad bl-Unuri, tal-Grad, tal-Higher Diploma u tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bis-snin kollha jingħataw piż indaqs.

**It-Tħassir**

8. L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B.(Hons), għall-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B., u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 454 tal-2014, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2018, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2018 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-Kors.**L.N. 383 of 2018**